MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 520/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

vs

**Chris Zammit** u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2008
gie kjamat in kawza **Mohammed El Zeiny**

**It-Tribunal,**

Ra l**-Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Gunju 2008, fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elfejn, tmien mija u hamsa u hamsin euro u hamsin centezmu (€2855.50) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut *Mobisle Communications Limited* skond *Client Contract Number 1019808* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur ta' bejn Awissu 2007 u Dicembru 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 t' April 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut pprezentata nhar it-30 ta' Settembru 2008 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut u dan stante li huwa qatt ma kellu access ghal dan in-numru u l-*mobile* relattiv li kien jintuza esklussivament minn Mohammed Elzeiny bil-karta ta' l-identita` numru 32426(A) u ghalhekk ghandu jigi kjamat in kawza.

2. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda fil-konfront tieghu.

Ra r-**Risposta** tal-kjamat in kawza Mohammed Elzeiny fejn stqarr illi ma ghandu l-ebda konnessjoni mal-konvenut Chris Zammit fil-kawza odjerna, u ma ghandu xejn x'jaqsam mal-kuntratt telefoniku bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Chris Zammit, stante illi l-istess kuntratt jghajjat lil Chris Zammit, u mhux il-kjamat in kawza.

Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi ikkonfermata fil-konfront tal-konvenut Chris Zammit.

Ra l-affidavit ta' **Raymond Camilleri** fejn ikkonferma illi hu kien mar mal-konvenut ta' Yani Elzeiny bil-ghan illi jintlahaq ftehim fuq kont pendenti tal-Go Mobile u x-xhud kien sema' lill-istess Yani Elzeiny jghid lill-konvenut illi kien ser ihallas it-tali kont fi zmien tlett (3) xhur. Inoltre`, fil-prezenza ta' l-istess xhud, Yani Elzeiny kien stqarr illi hu kien iddispjacih ghall-inkonvenjent li qalalu u ma kienx hallas minhabba illi ma kien ircieva ebda kont. Yani Elzeiny irrifjuta illi d-diskors illi kien sar jitnizzel bil-miktub.

Illi xehed ukoll il-konvenut **Chris Zammit** fejn ikkonferma illi l-kjamat in kawza, li kien l-imghallem tieghu kien innegozja l-kuntratt hu mal-Go Mobile, pero` ghamlu fuq isem il-konvenut salv il-fatt ghall-indirizz, illi kien ta' Yani

Elzeiny. Inoltre, l-istess kjamat in kawza kien ammetta mal-konvenut il-fatt illi l-kont kien tieghu u ta' uzu maghmul minnu mic-cellolari tieghu u cioe` 7933 1811, numru differenti minn dak personali tal-konvenut (u cioe` 9940 6286). Inoltre, wara illi l-konvenut kien infurmah illi kien sar mandat, Yani Elzeiny kien qallu illi *"mhux se nhallik tehel it-tort inti."* Illi fix-xhieda tieghu, il-konvenut ikkonferma l-inkontru illi kellu fil-presenza tas-Sur Raymond Camilleri ghand Yani Elzeiny.

Ra ukoll l-affidavit ta' **Ruth Vella Schembri** fejn stqarret illi kull darba illi kien icempel Yani Elzeiny dejjem kien juza l-istess numru telefoniku u cioe` 7933 1811.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta car illi ghalkemm il-kuntratt tas-socjeta` attrici seta` kien maghmul mal-konvenut, b'dana kollu jirrizulta car mill-provi prodotti illi s-servizz li tieghu s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas kien servizz li ghamel uzu minnhu esklussivament il-kjamat in kawza.

It-Tribunal jifhem illi r-relazzjoni kontrattwali tas-socjeta` attrici hija mal-konvenut. Dan ma jirrizultax tant mill-provi illi ressqet l-istess socjeta` attrici, izda mix-xhieda ta' l-istess konvenut. U in kwantu hekk – forsi jkun l-aktar idoneju legalment illi jkun il-konvenut illi jigi kkundannat ihallas l-ammont riklamat.

B'dana kollu, it-Tribunal, anke b'ekwita` kif marbut bil-ligi, jifhem illi gja la darba ppruvat illi s-servizz ghamel uzu minnu l-kjamat in kawza, u gja la darba il-kjamat in kawza jaghmel parti fil-proceduri u tista` tinghata decizjoni anke fil-konfront tieghu – allura it-Tribunal ihossu komdu jikkundanna lill-istess kjamat in kawza jhallas hu s-somma riklamata mis-socjeta` attrici.

Jinnota ukoll it-Tribunal illi l-kjamat in kawza ressaq ir-Risposta tieghu, pero` la qatt deher ghas-seduti u di piu`,

l-Avukat tieghu anke rrinunzjat ghall-patrocinju tieghu u ma tirrizulta ebda nota li permezz taghha assuma l-patrocinju tieghu haddiehor. In-nuqqas ta' interess tal-kjamat in kawza f'dawn il-proceduri kien wiehed lampanti, anke jekk intavola r-Risposta.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal wara illi ha konjizzjoni tal-atti kollha u wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Chris Zammit, jichad dawk tal-kjamat in kawza Mohammed Elzeiny u jilqa` t-talbiet attrici appuntu fil-konfront tal-kjamat in kawza Mohammed Elzeiny u jikkundanna lill-istess kjamat in kawza Mohammed Elzeiny ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u hamsa u hamsin Euro u hamsin centezmu (€2855.50), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------